MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2015

Numru. 1075/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**vs**

**John Ciappara**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ John Ciappara detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 343863(M).

Akkuzat talli nhar l-20 ta’ Gunju, 2014, ghall-habta ta’ xi s-7:30 ta’ filghaxija gewwa l-lokalita’ tal-Pieta’:-

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta’ registrazzjoni LCS-513 ghad-dannu ta’ Redeemer Azzopardi u/jew ta’ persuna jew persuni ohra, liema hsara hija izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) izda ma tiskorrix elfejn u hames mitt euro (€2,500), u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew kellu f’ idejh jew fuqu jew inkella garr armi, u cioe’ ponn tal-hadid, turnavit u strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta’ l-Artikli 3, 6 u 51 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe’ lil Redeemer Azzopardi biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta’ jew kontra l-proprjeta’ tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi

persuna msemmija fl-artikolu 221(1) u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiz w cioe’ Redeemer Azzopardi, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artiklu 412C tal-Kap 9 u f’ kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-prociediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Novembru, 2014 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-8 ta’ Mejju, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss

wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-parti civili thallas l-ammont kollu tad-danni sofferti minnu hekk kif konfermat mill-istess parti civili.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 3, 6 u 51 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lil imputat hati tat-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------